MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 283/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**David Vella**
***...omissis ...***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra David Vella talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) Nhar-il 11 ta' Novembru 2004, minn gewwa Triq Dragonara, San Giljan, bejn id-9.30 p.m. u f'hinijiet wera bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ttanta jisraq

vettura numru IBE-794 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-dannu ta' proprjeta` ta' Elaine Azzopardi mill-Mosta li l-valur tal-imsemmija vettura jeccedi l-ammont ta' elf liri Maltin (Lm1,000), liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2) Nhar-il 25 ta' Novembru minn Triq il-Qasam, Swieqi, ghall-habta tal-4.45 p.m. Swieqi, wera bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ttanta jisraq vettura numru ABG-382 tal-ghamla Fiat Punto li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf liri Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' Emily Tufigno mill-Belt Valletta, liema tentattiv ta' serq huwa aggravate bi-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

3) Fl-istess data, hinijiet u postijiet taht l-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto b'numru ta' registrazzjoni ABG-382 u Toyota Starlet bin-numru IBE-794 ghad-dannu tal-persuni msemmija;

4) Bejn it-13 ta' Novembru 2004 u l-14 ta' Novembru 2004 bejn l-10.30 p.m. u t-3.30 a.m., minn gewwa Pietru Darmenia Pembroke, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru CBB-531 tal-ghamla Fiat Uno ghad-detriment ta' Colin Paris minn tas-Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

5) Nhar-il 14 ta' Novembru 2004, bejn l-4.00 p.m. u s-5.45 p.m., minn gewwa Triq ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru GBB-728 tal-ghamla Toyota ghad-detriment ta' Etienne Darmanin minn Hal-Kirkop, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

6) Nhar-is 17 ta’ Novembru 2004, bejn is-2.00 p.m. u s-6.45 p.m. minn gewwa Triq il-Kampanella, San Gwann, ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru HBA-623 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-detriment ta’ Tracy Lee Azzopardi mir-Rabat, Malta, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

7) Nhar-is 17 ta’ Novembru 2004, bejn is-2.00 p.m. u s-7.00 p.m., minn gewwa Triq il-Giebja, Swieqi, ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru RON-711 tal-ghamla Peugeot 106 ghad-detriment ta’ Ronald Marmara minn Birkirkara, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

8) Nhar-id 19 ta’ Novembru 2004 bejn l-10.00 a.m. u l-11.45a.m. minn gewwa Triq il-Giebja, Swieqi, ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru LCH-961 tal-ghamla Toyota Corolla ghad-detriment ta’ Claudette Welford mis-Swieqi, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;
9) Bejn id-19 ta’ Novembru 2004, u l-20 ta’ Novembru 2004, bejn il-11.30 p.m. u l-5.00 a.m., minn gewwa Triq il-Knisja, San Giljan ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru CBI-094 tal-ghamla Peugeot 206 ghad-detriment ta’ Malcolm Borg mill-Gzira, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

10) Bejn id-19 ta’ Novembru 2004 u l-20 ta’ Novembru 2004, bejn il-11.10 p.m. u l-4.00 a.m. minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru DRE-777 tal ghamla Peugeot 206 ghad-detriment ta’ Andre` Mifsud minn Tas-Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

11) Nhar-il 20 ta’ Novembru 2004, bejn 00.20 a.m. u s-2.00 a.m. minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru LAA-415 tal-ghamla Ford Escort

ghad-detriment ta' Carmel Chetcuti minn Hal-Qormi, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

12) Bejn l-20 ta' Novembru 2004 u l-21 ta' Novembru 2004, bejn id-9.00 p.m. u l-12.10 a.m., minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru EBD-454 tal-ghamla Opel ghad-dteriment ta' Roberta Mallia mill-Gudja, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

13) Nhar-il 21 ta' Novembru 2004 bejn it-3.30 p.m. u l-4.20 p.m. minn gewwa Triq Michelangelo Cagiano, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru VHP-845 tal-ghamla Renault 19 ghad-detriment ta' Paolo Vella minn Santa Venera, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

14) Bejn il-21 ta' Novembru 2004 u t-22 ta' Novembru 2004, bejn l-10.30 p.m. u s-1.30 a.m., minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru LCF-984 tal-ghamla Toyota Corsa ghad-detriment ta' Christabel Grima mill-Hamrun, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

15) Nhar-it 23 ta' Novembru 2004 bejn il-5.30 p.m. u s-7.00 p.m., minn gewwa Triq Michelangelo Borg, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru IBG-839 tal-ghamla Toyota ghad-detriment ta' Francois Spiteri mill-Marsa, liema serq huwa aggravate bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

16) Nhar l-24 ta' Novembru 2004, bejn is-6.30 a.m. u s-2.00 p.m., minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru JBG-227 tal-ghamla Ford Fiesta ghad-detriment ta' Daniel Zammit minn San Gwann, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

17) Bejn is-26 ta' Novembru 2004 u s-27 ta' Novembru 2004 bejn l-10.15 p.m. u l-4.45 a.m., minn gewwa Triq il-Villa Rosa, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru JAD-619 tal-ghamla Peugeot ghad-detriment ta' Rebecca Formosa mill-Imsida, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

18) Nhar is-27 ta' Novembru 2004, bejn il-12.15 p.m. u n-12.30 p.m., minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru DAV-405 tal-ghamla Renault ghad-detriment ta' Warren Grima minn Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

19) Bejn is-27 ta' Novembru 2004 u t-28 ta' Novembru 2004, bejn il-11.23 p.m. u t-3.00 a.m., minn gewwa Triq il-Migbed, Swieqi, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru WIL-012 tal-ghamla Toyota Corsa ghad-detriment ta' William Thomas Bland minn Birkirkara, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

20) Nhar-it 28 ta' Novembru 2004 bejn 12.00 p.m. u s-1.00 p.m., minn gewwa Triq il-Baltiku, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru LEX-100 tal-ghamla Volkswagon Golf ghad-detriment ta' Alexia Balzan Demajo minn Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

21) Nhar-it 28 ta' Novembru 2004 bejn 12.00 p.m. u s-2.15 p.m. minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru GAT-535 tal-ghamla Fiat Punto ghad-detriment ta' Deborah Shrantz mis-Swieqi, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

22) Nhar-it 28 ta' Novembru 2004 bejn l-10.00 a.m. u l-4.00 p.m. minn gewwa Sqaq Lourdes, San Giljan,

ikkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi u stereos minn gewwa vettura numru COX-225 tal-ghamla Kia Avella ghad-detriment ta’ Matthew Cox mill-Gzira, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa;

23) Fl-istess dati, hinijiet, gewwa l-istess postijiet tal-Gzejjer ta’ Malta u taht l-istess cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vetturi imsemmija fl-akkuzi elenkati hawn fuq;

24) Matul l-istess perijodu msemmi, f’diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin, xjentement laqa’ ghandu, xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom diversi oggetti u cioe`, apparat ta’ hi-fi u stereos tal vetturi;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ Dicembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi David Vella hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ tliet snin u nofs kif ukoll irrakkommandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex jghin lill-appellant (allura imputat) jindirizza l-problema ta’ abbuz tad-droga li ghandu b’kull mezz disponibbli ghalih;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ David Vella pprezentat fis-16 ta’ Dicembru 2004, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta’ htija u tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena nflitta, tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa w gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon fil-11 ta’ Mejju 2005 u fl-20 ta’ Lulju 2005;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena peress illi l-appellant isostni li l-perijodu ta’ prigunerija nflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. L-appellant jistqarr li l-fedina penali tieghu hi dik li hi u jrid jaghmilha cara li l-fatt li ghandu l-vizzju tad-droga ma jfissirx li ma jridx jassumi r-responsabbilta` ghal dak li ghamel u ghall-agir tieghu lejn is-socjeta`. Jissottometti pero` li r-refurtiva giet moghtija lill-prosekuzzjoni u kkoopera bi shih anke billi rregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita` li kellu. Stante li l-ammissjoni tieghu kienet registrata fi stadju bikri tal-proceduri u b’hekk ghen biex il-kaz tieghu gie deciz malajr u minghajr spejjez inutili ghall-erarju pubbliku, l-appellant jghid li ghandu jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti kkunsidrat il-punti kollha li gew sollevati quddiem din il-Qorti. Fil-fatt hija rreferiet ghas-sottomissjonijiet li saru mid-difiza li “l-imputat ghamel dak li ghamel minhabba l-problema tad-droga li ghandu u peress li gie mhajjar li jaghmel hekk mill-ko-akkuzat l-iehor”, u li dik il-Qorti “ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, il-kooperazzjoni totali tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva u l-fatt illi r-refurtiva giet kollha rintraccata u tinsab f’idejn il-Pulizija Ezekuttiva”. Ghal dan, l-ewwel Qorti qalet hekk:

“Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu dan il-problema serju hafna u f’kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita` sabiex vittmi ta’ droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba u affidabilita` u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghta cans li jfieq u jerga’ jirreintegra ruhu tajjeb fis-socjeta`.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ilu b’din il-problema tad-droga mill-inqas mis-sena 1996 meta gie misjub hati ta’ pussess ta’ droga cannabis. Illi dan nonostante minn dakinhar ‘l hawn l-imputat tressaq il-Qorti f’hames okkazjonijiet ohra akkuzat fost akkuzi ohra b’serq, hold-up, sekwestru ta’ persuna, pussess ta’ armi u ricettazzjoni u dejjem inghata probation jew multa. Illi ghalhekk l-imputat ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet moghtija lilu u dan ghaliex illum jinsab il-Qorti akkuzat b’xejn inqas minn tnejn u ghoxrin serqa f’perijodu qasir bejn il-11 ta’ Novembru 2004 u t-28 ta’ Novembru 2004. Il-Qorti ma tistax taghti l-messagg lis-socjeta` li persuna li tammetti diversi serqiet f’cirkostanzi bhal dawn, u cioe` b’fedina penali bhal din, m’ghandhiex tmur habs semplicement ghaliex ikkollaborat mal-Pulizija jew ghax ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri. Huwa veru illi r-refurtiva giet kollha rekuperata pero` dan ma jfissirx li s-socjeta` ma sofrietx danni fosthom diversi hsarat volontarji fuq diversi vetturi.

Il-Qorti ghalhekk thoss li f’dawn ic-cirkostanzi illi hija ghandha tkun iebsa mal-imputat u tikkundannah ghal piena karcerarja.”

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet l-ewwel Qorti. Ir-reat ta' serq huwa reat serju hafna li ma jistax jigi trattat b'mod legger u hawn ghandna sitwazzjoni fejn l-appellant ammetta ghal mhux anqas minn zewg tentattivi ta' serq u dsatax-il serqa minn go vetturi, minbarra r-reat ta' hsara volontarja f'dawn il-vetturi kollha. Barra minn

hekk il-piena li mponiet l-ewwel Qorti taqa' sew fil-parametri tal-ligi. Difatti jekk wiehed jezamina l-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni, cioe` dik ta' tentattiv ta' serq kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-Lm1,000 u bix-xorta tal-haga misruqa, isib li, bl-applikazzjoni tal-proviso ta' l-artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali l-parametri tal-piena jibdew minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjuda bi grad izda mnaqqsa bi grad jew tnejn minhabba li hu tentattiv. Jigifieri jekk l-inzul minhabba li hu tentattiv ikun bi grad, il-parametri huma bejn tlettax-il xahar u seba' snin u jekk l-inzul ikun b'zewg gradi l-parametri jkunu bejn disa' xhur u sitt snin. Naturalment dawn il-parametri jergghu joghlew bi grad jew zewg gradi minhabba l-applikazzjoni tal-beneficcju tar-reat kontinwat, jigifieri jistghu jitilghu anke sa massimu ta' tnax-il sena. Jigifieri meta l-ewwel Qorti mponiet perijodu ta' prigunerija ta' tliet snin u nofs kienet moderata u ragjonevoli hafna konsiderando n-numru kbir ta' reati li l-appellant ammetta ghalihom u mponiet piena li kienet aktar lejn il-*minimum* milli lejn il-*maximum*.

Waqt dawn il-proceduri din il-Qorti semghet minghand l-ufficjal tal-*probation* Marietta Lanzon kemm l-appellant, tul il-perijodu li ilu fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, ghamel progress, wera motivazzjoni u huwa lest li jibda programm residenzjali minhabba l-problema ta' l-abbuz tad-droga. Mill-fedina penali ta' l-appellant pero` jirrizulta li diga` nghata l-beneficcju ta' *conditional discharge* fi tliet okkazjonijiet u tqieghed taht *probation* f'okkazjoni ohra.

Fic-cirkostanzi kollha suelenkati, filwaqt li tapprezza l-isforzi li qieghed jaghmel l-appellant sabiex jirrijabilita ruhu - rijabilitazzjoni li sejra tibbenefika lilu stess fl-ewwel lok u mbaghad lis-socjeta` - din il-Qorti xorta hi tal-fehma li l-piena approprjata hi piena karcerarja b'dan li sejra taghti l-provvediment opportun minhabba l-problema li huwa ghandu ta' l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita`

Korrettiva ta' Kordin biex jiehu l-passi kollha mehtiega immedjati biex l-appellant ikun jista' jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali minhabba l-abbuz tad-droga. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------